KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

**LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 27**

Is-sebgħa u għoxrin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 23 ta' Frar 2021 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Kevin Wain | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*27.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*27.2 Approvazzjoni ta' Financial Statements;*
*27.3 Rapporti swar il-proġett tar-Restawr tan-Niċeċ;*
*27.4 Tmiem tal-laqgħa;*

## 27.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

27.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier K. Wain biex jiġi skuzat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala assenti b'apoloġija. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li hemm xi kunsilliera li huma prezenti virtwalment.

*Is-Sindku laqgħa lill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Christian Vella, biex jagħti l-prezentazzjoni dwar l-estimi finanzjarji 2020.*

## 27.2 APPROVAZZJONI TA' FINANCIAL STATEMENTS 2020 U BUDGET 2021;

27.2.1 Gew prezentati d-dokumenti relatati lill-Kunsilliera. Is-Sur Vella spjega il-*financial statements* tas-sena 2020. Qal ukoll li l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija waħda tajba. Is-Sur Vella fakkar ukoll l-Kunsill għadu jistenna kif se tinqata s-sentenza dwar il-kaz li għandu ma Polidano Bros u dik taf taffettwa l-likwidita.

27.2.2 Dwar il-<u>baġit</u>~~budget~~ kien hemm spjegazzjoni ukoll mill-*accountant* tal-Kunsill. Gew innotati dawn il-punti:

1. Kien hemm zieda fl-allokazzjoni
2. Dwar id-dħul tal-*bye laws* il-Kunsill uza ftit il-kawtela għaliex xi ftit jew wisq din il-pandemija taffettwa.
3. Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar Triq il-Kbira peress li għada ma saritx u ilha biex issir madwar erba snin, l-ispejjez/materjal jafu nbiddlu allura tajjeb li jkun ikkalkulat fil-b<u>aġit</u>~~udget~~. Kien hemm qbil.
4. Il-Kunsillier J.~~ ~~Pillow ġibed l-attenzjoni li għall-manutenzjoni ~~tgħ~~all-funtani <u>iħoss illi </u>għandha tizdied l-allokazzjoni. Kien hemm qbil.
5. Għandhom jiġu allokati flus zejda għac-ċharges li ġew imposti fuqna mil-banek. Kien hemm qbil

6. Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li l-Kunsill kellu jiftaħ Fixed Account. Qal ukoll illi kunsilliera kellom jiġu informati jekk jiftaħ u f’dan il-każ li ma fetaħx.
7. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li peress li qegħdin jinħarġu diversi skemi, u l-Kunsill qiegħed japplika għalihom, tajjeb li l-Kunsill jiltaqa darba fis-sena u jagħti rendikont ta’ x’hiex il-Kunsill ikun applika u xi jkun daħal. Is-Sindku qabel ma dan il-punt u ssuġġerixxa li għandhom isiru darbtejn f’sena u wieħed minnhom jsir qabel l-approvazzjoni tal-financial statements. Kien hemm qbil li fuq dan il-punt numru 7 il-laqgħat isiru bejn wieħed u ieħor f’Gunju u f’ Diċembru [laqgħat annwali]. Kien hemm qbil ukoll li l-accountants jibqgħu jiġu aġġornati u jkun hemm koordinazzjoni flimkien mal-Kunsillier P. Radmilli, s-Segretarju Ezekuttiv u d-D~~d~~ep Segretarju Ezekuttiv.

27.2.3 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni ~~ta~~l-Estimi Finanzjarji 2020 u il-baġit ta’~~Budget~~ 2021. Il-Kunsillier E.~~manuel~~ Borg ippropona u l-Kunsill D.~~avid~~ Muscat issekonda. Kien hemm approvazzjoni mill-Kunsilliera presenti.

Approvazzjoni taL-EF 2020 u Budget 2021

*Is-Sindku rringrazzja lill-Accountants Christian Vella u Luana Bonnici tal-assistenza u x-xogħol tagħhom. Telqu għall-ħabta ta’ 19:30. Is-Sindku laqgħa lill-Perit Edward Said għall-prezentazzjoni tiegħu dwar il-progress tar-rerstawr tan-niċeċ.*

## 27.3 RAPPORTI DWAR IL-PROĠETT TAR-RESTAWR TAN-NIĊEĊ F’TAS-SLIEMA

27.3.1 Il-perit Edward Said għamel il-prezentazzjoni tiegħu dwar il-progress tar-restawr tan-niċeċ. Fost affarijiet oħra ġew innutati dawn il-punti:

1.Il-perit qal li għal ftit minnhom ikun irid jitneħħa d-dawl li hemm madwara, u xi wħud jkollhom bzonn bozza.

2. Il-Kunsillier J.~~-~~Pillow ~~saqsa~~ qal ma jafx kif ~~jista~~ għanda t~~j~~inħareġ it-tender għax dawn in-niċeċ għandhom bzonn ta’ restawr sew. Il-perit irrakomanda li zgur irid ikun konservatur u jrid isir restawr tajjeb u mhux kemm tintgħazel l-irħas offerta.

3. Il-Kunsillier J. Pillow qal li fejn hemm wire naraw jistax jitneħħa għax tingħata dehra kera.

4. Dwar in-niċċa fi Triq Santa Marija, il-Kunsillier J.Pillow saqsa kif tista ssir? Il-Kunsillier P.~~-~~Radmilli saqsa lill-perit jekk nistgħux

niktbu lis-Supretendenza tal-Heritage. Il-perit Said qal li f'kazijiet hekk jaf ikun hemm bzonn ukoll ta' *minor ammendment*.

5. Il-Perit Said informa li qegħdin jinħarġu PA Notices u jaf ikun hemm reazzjonijiet mill-pubbliku.

6. Il-Kunsillier A. Debono irrefera għal dawk in-niċeċ ta' binjiet abbandunati u semma kaz partikolari dik ta' Triq Tonna ma' Manwel Dimech fejn m'hemmx isem fuq min qegħda, u kull applikazzjoni trid ikollha isem. Il-Kunsillier P. Radmilli li nistaw ngħidu lin-nutar jagħmel ir-riċerki. Il-perit Said issuġġerixxa wkoll li nistgħu nsaqqsu lil J*oint office* għax taf il-binja tkun tagħhom.

7.Il-Perit E. Said qal ukoll li tajjeb li naraw x'tip ta' materjal irid jintuza għar-restawr u l-aħjar li l-*ispecifications* ikunu mis-Supretendenza tal-*Cultural Heritage*.

Il-Kunsill irringrazzja lill-Perit Said tal-prezentazzjoni tiegħu.

## 27.4 TMIEM TAL-LAQGĦA

27.4 Is-seduta ntemmet fit-20.27.

Minuti approvati llum 9 ta' Marzu 2021

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |